MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 642/2007

**Carmen Penza**

**vs**

**Air Malta Plc**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas ta’ mitejn, disgha u tmenin lira Maltin u tmenin centezmi
(Lm 289.80), rapprezentanti sighat ta’ xoghol mahduma zejda mill-attrici.

Illi l-attrici hija mpjegata mas-socjeta’ konvenuta bhala Business Support Assistant a bazi ta’ kuntratt ta’ servizz ghal zmien idefenit.

Illi jirrizulta li ghal 23 xahar shah hija giet mitluba tahdem 15-il minuta kuljum aktar mill-hin regolari taghha u meta ghamlet talba ghal kumpens hija hadet risposta negattiva.

Illi s-sighat zejda mahduma mill-attrici u li taghhom ma gietx ikkumpensata jittraducu ruhhom ghas-somma ta’ Lm 289.80 a bazi tal-paga bazika taghha, jew ghal 14-il gurnata ‘off’.

Illi ghalkemm interpellata diversi drabi, inkluz bl-ittra legali ta’ Lulju, 2007, is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant, l-attrici qieghdha titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta’ Lm 289.80 bhala kumpens tas-sighat zejda mahduma minnha kif hawn fuq spjegat, bl-imghax legali u bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta’ konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta fejn giet sollevata li ghandha tapplika l-preskrizzjoni ta’ sena *ai termini* ta` l-Artiklu 2147 (c), Kap.16 u fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju l-attrici qatt ma ntalbet tahdem xi hin zejjed.

Ra d-dokument ezebit fl-atti tal-kawza.

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni *ai termini* tal-Kap. 16, Art. 2147 (c) illi skond l-artiklu 2147(c) tal-Kodici Civili, l-azzjoni ta` l-attur taghlaq bl-eghluq sena.

Ra illi qatt ma giet ipprezentata ittra ufficjali mill-attrici.

Illi l-attur ibbaza d-difiza tieghu dwar l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni ta’ sena fuq decizjoni moghtija fit-22 ta’ Frar, 2002, fl-ismijiet *Martin Abela vs Ramon Spiteri noe et* fejn intqal illi l-azzjoni ’tas-sefturi jew persuni ohra mhallsin bix-xahar, ta` l-artigjani jew tal-haddiema bil-gurnata,’ meta s-salarju jkun stipulat b’tant fis-sena, mhux b’tant fix-xahar, il-preskrizzjoni taht l-Art. 2147 (c) tal-Kodici Civili ma tghoddx.

Illi gietipprezentata ittra mis-socjeta' konvenuta lill-attrici fejn hemm indikat pakkett tas-salarju annwu ta` l-attrici. Illi ntqal mill-attrici llli d-decizjoni *Abela vs Spiteri noe et* hawn fuq imsemmija ghandha tapplika ghal dan il-kaz u l-kawza ghandha ghalhekk titkompla tinstema` skond it-talba.

Minn naha l-ohra s-socjeta' konvenuta qieghdha tghid illi l-attrici tithallas bix-xahar, ghalhekk il-preskrizzjoni *ai termini* ta` l-Artiklu 2147 (c) ghandha tapplika.

Illi huwa kuncett intiz illi salarju jfisser illi l-hlas isir fix-xahar u mhux fis-sena.

Illi f'kaz deciz fit-8 ta' April, 2002, fl-ismijiet *Paul Degiorgio vs Vincent Muscat*, l-Artiklu 2147 (c) ma kienx japplika peress illi f'dan il-kaz l-impjegati kienu jithallsu bil-gimgha.

Illi *f'Appell Civili Numru 855/2002/1 fl-ismijiet Alexander Ciantar vs Hotel Administration Limited* deciza fl-20 ta' Ottubru, 2003, il-Qorti ddecidiet illi b'mod partikolarji d-dritt ta' hlas ta' *overtime* jirrijentra fil-lokuzzjoni ghal hlas ta' salarju u ghalhekk il-preskrizzjoni ai termini ta` l-Artiklu 2147 (c) ghandha tigi akkolta.

Fil-kaz prezenti permezz ta` l-avviz ipprezentat fit-22 ta' Awissu, 2007, l-attur qed jitlob il-hlas ta' sahra ghal tlieta u ghoxrin xahar cioe' perjodu bejn il-25 ta' Lulju, 2006 sad-data ta` l-avviz. Mill-istess avviz ma jirrizultax illi giet ipprezentata ittra ufficjali izda nkitbet biss ittra legali u ghalhekk hemmx interruzzjoni ta' preskrizzjoni f'dan il-kaz.

Illi mill-avviz stess jidher illi l-attrici hija mhallsa fix-xahar. Illi t-talba taghha kienet ghal 'overtime' ta' tlieta u ghoxrin xahar u mhux ghal sena u hdax-il xahar. Dan qieghed jinghad fil-kuntest meta l-attrici qieghda ssostni illi s-salarju taghha *huwa stipulat b'tant fis-sena.*

Illi l-avviz gie pprezentat fit-22 ta' Awissu, 2007. Illi t-Tribunal m'huwiex konvint illi ghalkemm is-salarju huwa

stipulat f'*letter of appointment* mis-socjeta' konvenuta lill-attrici, b'tant fis-sena, dan ma jfissirx illi hija tithallas fis-sena izda tithallas fix-xahar. It-Tribunal huwa konvint illi din it-talba ghall-'*overtime'* tifforma parti mill-pakkett tas-salarju offrut lill-attrici u peress illi hija tithallas bix-xahar, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni b'eghluq sena ghandha tigi milqugha.

Illi fil-fehma tat-Tribunal galadarba l-attrici stess indikat illi l-kalkoli ta` l-*overtime* ghamlithom fuq tlieta u ghoxrin xahar, huwa minnu illi l-hlas tas-salarju taghha jsir fix-xahar u kif intqal sewwa fil-kawza *fl-ismijiet Alexander Ciantar vs Hotel Administration Limited* '… b`mod partikolari. Imbaghad in kwantu si tratta ukoll minn talba ghall-hlas ta' salarju u dritt ta' hlas ta' *overtime* jirrientra f'din il-lokuzzjoni.'

Illi da parti mis-socjeta' konvenuta ma jirrizultax illi kien hemm xi rikonoxximent ta' hlas u lanqas kien hemm xi approvazzjoni mplicita tas-socjeta' konvenuta li taghmel dan.

Izda t-Tribunal huwa tal-fehma illi mhux it-talba kollha hija preskritta *ai termini* ta` l-Artiklu 2147 (c) tal-Kodici Civili izda biss l-ewwel sena u cioe' l-ewwel hdax-il xahar tat-talba. Ghaldaqstant, l-*overtime* mitlub mit-23 ta' Awissu, 2006 sat-22 ta' Awissu, 2007 m`huwiex preskritt ai termini ta` l-Artiklu 2147 (c) tal-Kodici Civili. Ghalhekk, it-talba ghandha tigi ridotta f'ammont li tirrifletti s-sahra fuq perjodu ta' l-ahhar tnax-il xahar qabel l-avviz.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta in parte u jichad it-talba ta` l-attrici, fil-waqt li jordna r-riduzzjoni fit-talba mill-attrici sabiex tirrifletti l-ahhar tnax-il xahar ta' *overtime* u jordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza.

Spejjez a karigu ta` l-attrici.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------